

- 2) Il-possibbiltà għall-persuna kkonċernata li titlob lill-Svb li jistabbilixxi ftehim fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1408/71 għandha effett fuq ir-risposta għad-domanda preċedenti?

⁽¹⁾ Algemene Kinderbijslagwet (Il-Liġi Ġenerali dwar l-Allowances tal-Familja).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu għewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-12 ta' Frar 2018 – Línea Directa Aseguradora S.A. vs Segurcaixa Sociedad Anónima de Seguros y Reaseguros

(Kawża C-100/18)

(2018/C 161/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Línea Directa Aseguradora S.A.

Konvenuta: Segurcaixa Sociedad Anónima de Seguros y Reaseguros

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà⁽¹⁾, jipprekludi interpretazzjoni li tinkludi fil-kopertura tal-assigurazzjoni obbligatorja, id-danni kkawżati minn nar f'vettura wieqfa meta dan in-nar joriġina mill-mekkaniżmi neċessarji sabiex il-vettura taqdi l-funzjoni tagħha ta' trasport?
- 2) F'każ ta' risposta negattiva għad-domanda preċedenti, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, jipprekludi interpretazzjoni li tinkludi fil-kopertura tal-assigurazzjoni obbligatorja, id-danni kkawżati minn nar f'vettura meta ma tkunx tista' tiġi stabbilita relazzjoni bejn dan in-nar u moviment preċedenti, b'tali mod li ma tkun tista' tiġi stabbilita ebda konnessjoni ma' vjaġġ?
- 3) F'każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, jipprekludi interpretazzjoni li tinkludi fil-kopertura tal-assigurazzjoni obbligatorja, id-danni kkawżati minn nar f'vettura meta din tkun ipparkjata f'garaxx privat magħluq?

⁽¹⁾ ĠU 2009 L 263, p. 11

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso-Administrativo n° 8 de Madrid (Spanja) fit-13 ta' Frar 2018 – Domingo Sánchez Ruiz vs Comunidad de Madrid (Servicio Madrileño de Salud)

(Kawża C-103/18)

(2018/C 161/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado Contencioso-Administrativo n° 8 de Madrid